MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 1744/1985/2

**Angelo Bugeja, Giuseppe Bugeja, Caterina mart Emanuel Monreal u minnu assistita, Concetta mart Rocco Amato u minnu assistita, Domenica mart Louis Farrugia u minnu assistita**

**vs**

**Ignazio Bugeja**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-23 ta' Dicembru 1985 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

Illi l-atturi u l-konvenut ahwa Bugeja, huma l-eredi tal-mejtin Carmelo Bugeja u Michaelina Bugeja, konjugi, li mietu rispettivament fil-18 ta’ Dicembru, 1960 u fil- 5 ta’ Frar, 1980.

Illi s-successjoni tal-imsemmija konjugi Bugeja hija regolata bit-testment unica carta taghhom tal-22 ta' Novembru, 1960 li gie pubblikat min-Nutar Giovanni Caruana li permezz tieghu apparte xi prelegat, innominaw eredi universali lil uliedhom, il-partijiet f'din il-kawza u lil binthom l-ohra Paola, li mietet fil-20 ta' Settembru, 1983.

Illi l-imsemmija Paola Bugeja kienet persuna inkapacitata b'mod li ma kienetx kapaci tiehu cura taghha innifisha u ghaldaqstant anki inkapaci li taghmel testment, b'dana kollu jidher li hija iffirmat testment fil-30 ta' April, 1983 li gie pubblikat minn Nutar Dr. Antoine Agius LL.D., liema testment huwa null u bla ebda effett.

Illi l-eredi ab intestato tal-mejta Paola Bugeja huma l-kontendenti, li skond il-Ligi jirtuha sesta parte kull wiehed u wahda.

Illi l-atturi ma jridux jibqghu in komunjoni bejniethom u mal-konvenut fl-assi ereditarji tal-genituri taghhom u ta' ohthom Paola u kull tentattiv ghal divizjoni bonarja falla.

Talbu li din il-Qorti:

1. tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-mejtin Carmelo u Michaelina Bugeja;

2. tiddividi l-komunjoni hekk likwidata f'zewg porzjonijiet ugwali li minnhom wahda tigi assenjata lil assi ta' Carmelo Bugeja u l-ohra tigi assenjata lill-assi ta' Michaelina Bugeja;

3. tillikwida l-assi partikolari ta' Carmelo Bugeja billi jigi dikjarat li jikkonsisti fin-nofs tal-komunjoni kif fuq likwidata u f'dawk il-beni parafernali li jirrizultaw waqt il-kawza;

4. tillikwida l-assi partikolari ta' Michaelina Bugeja billi jigi dikjarat li jikkonsisti fin-nofs tal-Komunjoni tal-Akkwisti kif fuq likwidata u f'dawk il-beni parafernali li jirrizultaw waqt il-kawza;

5. tiddividi l-assi ta' Carmelo Bugeja hekk likwidat f'seba' porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda lil kull wahda mill-partijiet u s-seba' parti lill-eredi tal-mejta Paola Bugeja kif sejjer jinghad aktar 'l isfel;

6. tiddividi wkoll l-assi ta' Michaelina Bugeja hekk likwidati f'seba' porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda lil kull wahda mill-partijiet u s-seba' parti lill-eredi tal-mejta Paola Bugeja kif sejjer jinghad aktar 'l isfel;

7. tirregola l-eredita' ta' Paola Bugeja mill-ligi bhala li mietet ab intestato billi jigi dikjarat u decis illi t-testment taghha tal-30 ta' April, 1983, fl-atti tan-Nutar Dr. Antoine Agius LL.D. huwa null u bla effett stante li gie maghmul minn persuna inkapaci u li ghalhekk wirtuha hutha, ossia l-partijiet, f'porzjonijiet ugwali bejniethom;

8. tinnomina periti ghall-likwidazjonijiet imsemmija;

9. tinnomina Nutar biex jippubblika l-att opportun ta' divizjoni f'gurnata, hin u post li jigi iffissat minn din il-Qorti;

10. tinnomina kuraturi biex jirrapresentaw l-eventwali kontumacja fuq l-att skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li baqa' ngunt ghas-subizzjoni tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

<u>Fl-ewwel lok</u> in-nullita tal-azzjoni attrici stante li m'huwiex giuridikament permess ghall-atturi li f'azzjoni wahda jitolbu kemm in-nullita' ta' testment kif ukoll il-likwidazzjoni u divizjoni ta' assi ereditarji.

<u>Fit-tieni lok</u> u bla pregudizzju ghall-premess it-testment maghmul minn Paola Bugeja hu validu u effettiv ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Fit-tielet lok u bla pregiudizzju ghall-premess l-eccipjenti ma joggezzjonax li jigu likwidati u divizi l-assi ereditarji ta' Carmelo u Michelina Bugeja.

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjonjiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet ta' l-4 ta' Marzu 1986 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Albert Magri biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tat-8 ta' Novembru 1991 li permezz tieghu ghall-imsemmi perit legali gie sostitwit l-Avukat Dottor Mark Chetcuti;

Rat id-digriet tal-5 ta' Mejju 1992 fejn, wara rikors ta' l-atturi, gie revokat *contrario imperio* d-digriet tan-nomina ta' l-Avukat Dottor Mark Chetcuti u get sostiwtita ghalih l-Avukatyessa Dottor Rachel Spiteri Bonello;

Rat id-digriet tat-13 ta' Mejju 1992 li permezz tieghu, wara li fis-seduta tat-28 ta' April 1992 l-Avukat Dottor Joseph Schembri ghall-atturi ddikjara li kien qieghed jirrinunzja ghall-effetti tar-rikors tieghu ghas-sostituzzjoni tal-perit legali, gie revokat d-digriet tal-5 ta' Mejju 1992 u gie kkonfermat l-Avukat Dottor Mark Chetcuti fin-nomina tieghu bhala perit legali;

Rat ir-relazzjoni debitament mahlufa;

Rat in-noti tal-partijiet;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Qabel xejn il-Qorti tirreferi ghall-ewwel eccezzjoni tal-konvenut fejn eccepixxa n-nullita` ta' l-azzjoni attrici stante

li mhuwiex guridikament permess ghall-atturi li f'azzjoni wahda jitolbu kemm in-nullita` ta' testment kif ukoll il-likwidazzjoni u divizjoni tal-assi ereditarji. Din l-eccezzjoni la giet sorretta minn xi sottomissjoni tal-konvenut u lanqas ma hi sorretta minn xi disposizzjoni tal-ligi. Ghalhekk hi michuda.

Issa minbarra t-talbiet ghal-likwidazzjoni u divizjoni ta' l-assi tal-genituri tal-kontendenti, il-kwistjoni principali f'din il-kawza tirrigwarda testment li ghamlet oht il-kontendenti Paola Bugeja fit-30 ta' April 1983 fl-atti tan-Nutar Antoine Agius. L-atturi jallegaw li dak it-testment huwa null peress li Paola Bugeja kienet inkapaci skond il-ligi biex taghmel testment. Iridu ghalhekk jigu ezaminati l-provi li tressqu f'dar-rigward.

L-attur **Angelo Bugeja** kkonferma l-kontenut tad-dikjarazzjoni pprezentata mac-citazzjoni u esebixxa kopja tad-denunzji fir-rigward l-assi ereditarji tal-genituri tieghu, kif ukoll ir-rizutat tar-ricerki testmenti rispettivi taghhom, kopja legali tat-testment taghhom tat-22 ta’ Novembru, 1960, u c-certifikati tal-mewt taghhom u ta’ ohtu Paola Bugeja.

L-attur spjega li ohtu kienet twieldet mentalment ritardata, u kien sahansitra anke inviztaha t-Tabib Abraham Galea bil-ghan li tibda tircievi pensjoni ghall-invaliditati minghand il-Gvern.  Fil-fatt hi kienet ircievet dik il-pensjoni ghal diversi snin.

Wara li miet missieru, ix-xhud spjega li ohtu Paola kienet baqghet tghix ma’ ommu u ma’ huh guvni Guzeppi. Imbaghad wara l-mewt ta’ ommu, hi kienet marret tghix ma’ ohtu Cetta u wara ma’ ohtu l-ohra Caterin u mbaghad erga’ fid-dar tal-genituri tieghu fejn kien mar il-konvenut u l-familja tieghu  u fejn kien jabita sallum.

Dwar Paola, l-attur spjega li din wiehed ma setax jafdaha, izda mhux fis-sens li seta’ fettilha tmur taqbez.  Pero’ spjega wkoll li fl-opinjoni tieghu din ma kinitx kapaci tikkontrolla lilha nnifisha.  Ghalhekk anke sal-quddies

kienu jehduha maghhom.  Lanqas ma kienet kapaci tiehu hsieb lilha nnifisha jew ghalhekk toqghod wahedha.

L-attur spjega li l-ewwel Paola kienet marret lejn id-dar tal-genituri taghha,  u dak iz-zmien il-konvenut kien mar ighix maghha.  Izda wara certu zmien dan mar lura d-dar tieghu u ha lil Paola mieghu.  Wara xi zmien kien imbaghad baghatha ghand Katerina u mbaghad Paola regghet nizlet id-dar tal-genituri taghhom fejn mar il-konvenut ukoll, u baqa' hemm sakemm mietet l-istess Paola.

L-attur **Giuseppe Bugeja** spjega li hu kien is-sitt iben mill-ahwa Bugeja.  Hu kkonferma l-fatti esposti fid-dikjarazzjoni prezentata mac-citazzjoni.  Imbaghad ix-xhud ghadda sabiex spjega li sa l-1975 hu kien guvni ighix id-dar ma' ommu pupletika ghal dawk l-ahhar seba' snin, u fejn kienet tirrisjedi Paola wkoll.  B'dana illi matul il-gurnata kienu jigu hutu l-bniet.

Ix-xhud qal li meta ohtu kellha madwar tletin sena, kienet harget il-ligi fir-rigward tal-pensjonijiet ta' l-andikappati u ghalhekk Rokku Damato, ir-ragel ta' ohtu Concetta, kien issuggerixxa li japplikawlha.  Imbaghad meta rcevew l-avviz sabiex jidhru quddiem il-bord li fuqu kien qaghad it-Tabib Abraham Galea, kienu nizlu ma' Paola, ix-xhud stess, ohtu Cetta u mart il-konvenut.  L-applikazzjoni kienet giet approvata.

Ix-xhud irrileva li ohtu ma kinitx taf tifteb u taqra ghaliex skola ma kinitx tmur peress li kienet dejjem marida. Ghalhekk huma kellhom problema dwar kif kien ser jigi msarraf ic-cekk tad-DSS.  Imbaghad irrangaw mad-dipartiment sabiex tibda ssarrfu ohtu Cettina u mbaghad meta l-konvenut mar joqghod ma' Paola, fuq suggeriment tieghu, il-prokura kienet inqalbet ghal fuqu.

Wara l-mewt ta' ommhom kienu marru ghand l-Av. Lawrence Gonzi sabiex jaqsmu l-assi ereditarji. Minhabba li Paola kienet andikappata, dan ma setax isir qabel ma din kienet tigi nterdetta u jigi mahtur kuratur. Dan l-inkarigu kien hadu f'idejh l-istess Av. Gonzi, izda wara xi problemi ohra li kienu nqalghu, ma kien sar xejn.

Fir-rigward ta’ ohtu Paola, ix-xhud spjega li din ma kinitx kapaci tiehu kura taghha nnifisha fis-sens li la kienet taf issajjar bajda u lanqas tahsel maktur. Ghal dak li kien jirrigwarda l-indafa personali, kienu jahsluha hutha l-bniet. Meta kienet tmur tixtri kienet titfixkel fl-oggetti u lanqas ma kienet kapaci tiddeskrivi l-ismijiet ta’ l-oggetti. Il-valur tal-flus ma kinitx tafu lanqas.

Ghall-quddies dejjem kienet tmur ma’ xi hadd. Meta kienet tmur izzur lil hutha, kienet titlob li jwassalha xi hadd lura. Lanqas tal-linja ma kienet taf tirkeb.

Ix-xhud spjega li ohtu wkoll ma kinitx kapaci tiddistingwi minn programm ghal iehor fuq it-televizjoni.

L-attrici **Catherine Monreal** xehdet li hekk kif mietu l-genituri taghha, kienet saret lista ta’ l-assi ereditarji. Din kienet esebita diga’ bhala Dok. A u Dok. B.

Ohtha Paola kienet erba’ snin izghar minnha u hi kienet tafha dejjem tibki u marida u ghalhekk qatt ma marret skola. Kienet dejjem ghand it-tobba. Normali ma setghetx tghid li kienet. Kellha mohha ta’ tfal tali li ma setghux jafdawha. Ix-xhud kompliet tispjega li ohtha ma kinitx ta’ wahedha u kellha bzonn l-assistenza. Fil-fatt ma kienetx taf issajjar b’eccezzjoni ghal xi bajda moqlija. Lanqas ghall-hasil ma kienet tinqala’. Ma kinitx taf taghmel is-somom u meta kienu jibaghtuha tixtri, hi ma kinitx taf x’kienet in-nefqa. Programm fuq it-televizjoni lanqas kienet kapaci ssegwieh. Meta x-xhud izzewget u marret tirrisjedi Hal Safi, peress li ohtha Paola ma kinitx kapaci taqbad tal-linja, kienu jehduha huma stess.

Hi mietet ta’ 43 sena u kienet hadet xi pensjoni peress li kienet andikappata.

In kontro-ezami x-xhud iccarat li ohtha qatt ma kienet tmur izzurha Hal Safi wahedha.

L-attrici **Concetta Damato** spjegat li lil ohtha dejjem kienet tafha marida u kienet ta’ spiss izzur it-tobba. Skola

ma kinitx taf u lanqas ma kienet taf tikteb isimha. Paola ma kinitx taf tikkura lilha nnifisha u ma kiinitx kapaci ssajjar jew tahsel hwejjigha. Lanqas ma kienet kapaci tohrog wahedha, sahansitra ghall-quddies jew ghand ix-xhud stess li kienet marret tirrisjedi post iehor fl-istess rahal, u lanqas ma kienet taqbad *bus.* Ma kinitx taf il-valur ta' flus. Fir-rigward tat-televizjoni, dan ma kintix taf issegwieh izda basta kienet tara xi haga, inkluz *cartoons*.

Ix-xhud ikkonfermat li hi kienet marret ma' ohtha Paola sabiex jarawha xi tobba wara l-applikazzjoni taghha ghal pensjoni. Ic-cekkijiet in kwistjoni kienu johorgu fuq isem ix-xhud peress li Paola ma kinitx taf tikteb, u sussegwentement fuq isem il-konvenut meta din marret toqghod ghandu.

Fir-rigward tal-qsim ta' l-assi ereditarji, ix-xhud ftakret li kien hemm xi problemi minhabba ohtha Paola.

**Emanuel Monreal** xehed li hu kien jigi r-ragel ta' Catherine Bugeja u huma kienu mizzewgin ghal dawn l-ahhar tletin sena. Dwar Paola hu qal li ghalkemm fizikament f'sahhitha, mentalment hi kienet ritardata. Ghalhekk hi kienet tiddependi fuq il-familja taghha. Ma kinitx tohrog wahedha, lanqas sal-quddies, u sahansitra sad-dar taghhom li kienet xi sitt minuti mixi, hi dejjem kienet tmur akkompanjata. Ma kinitx kapaci lanqas tmur tixtri. Izda peress li x-xhud ma kienx ikun dejjem id-dar, hu ma kienx jaf x'kienet fil-fatt taghmel Paola.

Ix-xhud irrileva li qabel ma mietet Paola, din kienet ghamlet xi zmien tghix maghhom, izda kienet dejjem tgerger li xtaqet tmur lura fid-dar ta' ommha. Ghalhekk, hu kien kellem lill-konvenut sabiex jifthilha u din kienet marret tghix hemm. Meta hu kien iltaqa' mal-konvenut darba minnhom, dan kien qallu li sal-*potty* hu kellu jtellalha.

Fl-ahharnett ix-xhud zied ighid li Paola lanqas man-nies ma kienet tkompli.

L-attrici **Domenica Farrugia** qalet li hi kienet oht Paola u l-izghar wahda mill-ahwa Bugeja. Fir-rigward ta' ohtha, ix-xhud qalet li Paola ma kinitx ta' wahedha u ghalhekk huma kienu jiehdu hsieb il-bzonnijiet taghha, inkluz it-tisjir u l-hasil. Huma kienu wkoll jakkompanjawha barra. It-televizjoni kienet tarah, inkluz programmi tat-tfal, izda ma kinitx issegwieh. Ma kinitx taf tikteb u lanqas taqra, pero` peress li Paola kienet akbar minnha b'tnax-il sena, ma setghetx tghid jekk marritx skola jew le.

**It-tabib Abraham Galea,** prodott mill-atturi, xehed li hu kien iservi fuq l-*Invalidity Board* u fuq il-*Handicapped Persons Board*. Dawn jaghtu parir lid-DSS jekk persuna kellhiex tigi klassifikata bhala *handicapped person* jew bhala *severely handicapped*.

**Joseph Muscat,** prodott ukoll mill-atturi, xehed li hu kien jahdem bhala *administrative officer* fid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali. Hu esebixxa dikjarazzjoni ppreparata minnu ghan-nom tad-dipartiment fir-rigward tal-mejta Pauline Bugeja.

F'dak id-dokument, ix-xhud irrileva li Paola Bugeja kienet *'tircievi pensjoni mhux kontributorja ghax kienet tissodisfa d-definizzjoni tal-ligi ta' 'subnormalita' mentali severa'* u li dan skond il-ligi kienet tfisser *'li l-izvilupp tal-mohh ikun wieqaf jew mhux komplut, li jirrizulta f'nuqqas ta' intelligenza li minhabba f'hekk il-persuna milquta ma tkunx kapaci li tghix hajja indipendenti jew li tipprotegi lilha nnifisha kontra esplojtazzjoni serja jew ma tithalliex tkun hekk kapaci meta jkollha l-eta' taghha li tkun hekk'*. Id-dokument ikompli jispjega li l-parir jinghata minn *panel* ta' mhux anqas minn zewg tobba mahtura mill-Ministru skond il-poteri tieghu taht l-istess ligi. Generalment persuni li jkunu jircievu dik il-pensjoni, ikollhom amministratur li jirceviha f'isimha.

Permezz ta' l-affidavit tieghu, **Dr. Lawrence Gonzi** spjega li l-familja Bugeja kienu avvicinawh rigwardanti l-problema tal-qsim ta' l-assi ereditarji tal-ġenituri taghhom. Fost il-

diffikultajiet li nqalghu, kien hemm dik ta' Paola li kien hemm min sostna li ma kinitx kapaci tghix wahedha ghaliex kellha dizabilita` mentali.

**Il-konvenut** xehed li Paola kienet tirrisjedi fid-dar tal-genituri tieghu. Izda ghamlet xi zmien ukoll tghix ghandu qabel ma huma garrew kollox u marru joqoghdu f'dik id-dar. Hu spjega li kien ghadu jghix hemm sallum.

Wara l-mewt ta' ommu, Paola kienet ghamlet xi zmien tghix ghand hutu Catherine u Cettina, alternattivament, izda darba minnhom hu kien sabha tibki wara l-bieb tieghu. Hi kienet qaltlu li dawn kienu keccewha u hu accettaha gewwa daru li kienet bieb ma' bieb ma' tal-genituri tieghu l-mejta. Pero` Paola bdiet tinsisti li tghix fid-dar tal-genituri taghha, u peress li din ma riditx tghix wahedha hemm minhabba li ommha kienet mietet hemm, allura kien garr kollox u mar ighix hemm ukoll il-konvenut. Dan wara li hu kien qal lil hutu. Hu baqa' jghix hemm sa sentejn jew tliet snin wara meta mietet Paola.

Ghal dak li kien jirrigwarda kif kienet tqatta' l-gurnata Paola, il-konvenut spjega li filghodu din kienet tqum u tiehu t-te. Imbaghad kienet titla' taghmel is-sodod u terga' tinzel. Pero` hu ma setax ighid x'kienet taghmel peress li kien ikun ix-xoghol. It-tisjir u l-hasil kienet taghmlu l-mara tieghu. Ghall-quddies Paola kienet dejjem tkun akkompanjata minn xi hadd minn tal-familja tieghu.

Peress li kien tfaccalha *lung cancer*, Paola ghamlet xi sitt xhur diehla u hierga mill-Isptar. Izda hu qatt ma kien qalilha x'kellha. F'xi zmien li hi kienet l-Isptar, kienet ghamlet testment. Hu u l-mara tieghu kienu jmorru jzuruha kuljum u uhud minn hutu kienu jmorru wkoll.

Meta Paola kienet rat kemm il-konvenut u l-mara tieghu kienu qeghdin iduru biha, hi qalet lill-konvenut li dan kien kontra dak li kienu qalulha hutu fis-sens li kif tmut ommhom, hu kien jehles minnha. Ghalhekk hi qaltlu li xtaqet thallilu xi haga biex tpattilu ghal dak li kien qed jaghmel maghha.

Hu sab lin-Nutar Agius li sal-gurnata li hadu l-Isptar ghand ohtu, la kien jaf lilu u lanqas lil ohtu. Il-konvenut haseb li n-Nutar kien ser jispjega certi affarijiet lil ohtu, izda dan qabad keccieh ‘il barra fil-kuridur.

Skond il-konvenut ohtu kienet twieldet normali. Hu kien tmien snin akbar minnha u kien jiftakar li marret ftit skola biss, b’kollox sentejn. Ix-xhud spjega li ohtu kellha l-vot u fil-fatt kienet ivvotat fl-ahhar elezzjoni qabel ma mietet.

In kontro-ezami l-konvenut spjega li ohtu kienet telqet minghandu wara li mietet ommu peress li hutu kienu bezzghuha li hu kien ser jitfaghha f’dar tax-xjuh. B’dana li lilu qatt ma kienet tatu spjegazzjoni ghalfejn kienet telqet. Wara xi zmien meta hu kien qed jitkellem maghha, hi esprimiet ix-xewqa li terga’ lura fid-dar tal-genituri taghha. Peress li hi kienet insistiet, hu kien mar joqghod maghha hemm. Dan kien ghamlu bil-kuntentizza ta’ hutu l-ohra u dawn kienu wkoll qalulu sabiex izomm lil ohtu mill-ahjar li seta’. Wara li mietet Paola, hu baqa’ ighix hemm.

Dwar facendi, il-konvenut spjega li din kienet tghin fil-hasil tad-dar u anke fil-hasil tal-hwejjeg, bhas-srievet.

Ohtu l-mejta Paolina ma kinitx kapaci taghmel kont fis-sens li tahdem il-bqija ta’ Lm5, izda kienet taf tiddistingwi bejn prezz u iehor.

Dwar il-fatt li l-ahwa kienu jitqassmu sabiex jorqdu d-dar tal-genituri tieghu, dan kien isir minhabba ommu u mhux minhabba Paolina. Meta aktar tard il-konvenut kien trasloka f’din id-dar, dan kien sar ukoll minhabba problema ta’ spazju. Hu ma kienx mar lura fid-dar tieghu wara li mietet Paola peress li wahda mit-tfal tieghu kienet izzewget u marret toqghod f’dik id-dar, u hu qatt ma hass il-bzonn li jerga’ lura. Dan kien qed jaghmlu bhala ko-proprjetarju.

Il-konvenut xehed ukoll li l-mejta Paola kienet taht il-kura tat-Tabib Dott. John Mifsud li kien jattendi l-Isptar fejn kienet rikoverata l-istess Paola. Ghalhekk, hu kien prezenti meta sar it-testment taghha.

Hu spjega li din kienet ghamlet zmien tghix mal-familja tieghu d-dar bhala wahda tal-familja stess, u sahansitra kienet tiekol maghhom u kienu jixtrulha hwejjigha u darba minnhom kienet riedet li ssejjah lil martu ‘ma’. Hi kienet taghtih xi flus lill-konvenut, izda fl-ahhar ma kienx ried aktar flus minghandha.

In kontro-ezami l-konvenut stqarr li hu kien izomm Lm40 fix-xahar li Paolina kienet tircievi bhala pensjoni.

**It-Tabib Raymond Sciberras**, prodott mill-konvenut, spjega li hu kien it-tabib kuranti tal-familja Bugeja u lil Paolina Bugeja kien jafha ghall-ahhar ghaxar snin ta’ hajjitha u kien sahansitra jikkuraha wkoll. Hu kien jafha dejjem id-dar u hadd mill-familja ma kien nissel dubbju fih dwar l-istat mentali ta’ l-istess Paolina Bugeja. Hu ddikjara li kien jaraha bhala bniedma normali u hu kien jikkomunika maghha wkoll b’mod normali. Meta kien ikellimha hi kienet tirrispondi tajjeb u jekk jitlobha xi haga kienet iggibhieli. Kienet ftit andikappata fizikament. Pero` t-tabib ma kkummentax fuq il-kapacita` taghha mentali peress li hu qatt ma kien gie mitlub jaghmel *assessment*. Hu spjega madankollu li mill-aspett kienet tidher normali izda mhux mija fil-mija. Ommha kienet pupletika u kellha bzonn min jiehu kura taghha; Paolina wahedha ma kinitx kapaci tqandel lil ommha wahedha, bhal kwalisasi persuna ohra. Kemm dam it-tabib kuranti tal-familja hadd qatt ma nissel dubbju dwar l-istat mentali ta' Paolina mieghu.

In kontro-ezami, ix-xhud iddikjara li hu qatt ma kien kellem lill-attur dwar l-istat mentali ta’ Paola Bugeja jew dwar l-istat fiziku taghha, u f’dawk l-okkazjonijiet li hu kien jezaminaha fizikament, dejjem kien ikun hemm wahda minn hutha x-xebbiet prezenti.

**Grace Bugeja** mart il-konvenut, xehdet li kienu ilhom mizzewgin ghal 32 sena. Dwar Paola, ix-xhud spjegat li hi kienet tafha zghira u ghamlet ukoll zmien tghix maghhom, ghalkemm kemm zmien ma setghetx tiftakar. Din kienet tiekol maghhom u x-xhud kienet tiehu hsieb il-bzonnijiet taghha wkoll.

Ix-xhud iddeskriviet lil Paola bhala bniedma normali bhat-tfal l-ohra taghha u ghalhekk taghmel ukoll il-facendi u tiehu hsieb il-qsari li kienet thobb tant. Ghalkemm hut Paola ma kinux ihalluha taghmel xejn, ix-xhud spjegat li hi ghall-kuntrarju kienet thalliha taghmel kollox. Hutha Cetta u Kekina kienu sahansitra jaghlquha f'kamra meta din kienet tkun ghandhom u kien jigi r-ragel ghaliex ma riduhiex.

Rokku [Amato] kien darba minnhom mar ghand ix-xhud u wara li qal lil Paola titla' fuq sabiex ma tismax, hu ssuggerixxa lill-istess xhud sabiex lil din jibaghtuha f'Istitut u flusha jitfghuhom il-Qorti sabiex jehduhom wara mewtha. Ix-xhud kienet esprimiet l-opinjoni taghha fin-negattiv u f'hin minnhom kienet ukoll nizlet Paolina rrabjata ghaliex kienet semghet id-diskors.

Ghall-ewwel meta Paolina kienet marret toqghod ghandhom, il-flus li kienet tircievi mid-DSS kienet tigborhom ohtha Cetta, izda wara ftit Paolina qaltilha sabiex tibda taghtihom lix-xhud peress li din kienet qeghda tlibbisha u tiehu hsiebha. Fil-fatt ix-xhud qalet li hi tant kemm kienet ghamlet maghha, Paola darba minnhom riedet issejhilha 'ma'. Ix-xhud pero` kienet irrifjutat u talbitha ssejhilha b'isimha.

Ix-xhud iddikjarat li t-tabib tal-familja kien it-Tabib Sciberras li kien jikkura lil Paolina anke qabel ma marret ghandhom. Ziedet tghid ukoll li huma qatt ma kienu kkonsultaw psikjatra fir-rigward ta' Paola.

Darba minnhom wiehed mill-ahwa, Joseph, kien staqsa lix-xhud sabiex tmur ma' Paola u ma' Cetta mieghu ghand it-tabib. Ix-xhud kienet accettat, b'dana li ma kienet inghatat l-ebda spjegazzjoni ohra u kienet giet imwissija sabiex ma titkellimx u thalli kollox f'idejn Cetta. L-istess Joseph kien qal lil Paola u anke lix-xhud sabiex ma jitkellmux. Ghalhekk kien biss meta waslu li ndunat li huma kienu marru ghand tliet tobba, li wiehed minnhom kien Abraham Galea.

It-Tabib Abraham Galea kien beda jsaqsi xi domandi lil Paola. Ghall-ewwel bdiet taqbez Cettina tirrispondi filwaqt li Paola kienet baqghet siekta. Izda din bdiet imbaghad tirrispondi hekk kif it-tabib wissa' lil Cettina sabiex thalli lil Paola titkellem. Paola kienet qaltlu dakinhar lit-Tabib li hi kienet marret ftit skola. Fl-ahhar ta' l-intervista, it-tobba ffirmaw ic-certifikat wara li t-Tabib Galea kien spjega lil Paola li din ma kinitx intitolata ghal flus izda dawn jinghatghulha jekk ridithom.

Qabel ma marru quddiem it-tobba, Joseph kien qal lix-xhud li kull ma kellhom bzonn kien dik il-firma u wara jirranga kollox hu. Fil-fatt fl-ahhar Dr. Galea u l-ohrajn iffirmaw ic-certifikat.

In kontro-ezami, ix-xhud spjegat li Paola ma kinitx taf taqra. Ftakret li meta omm Paola kienet ma tiflahx, kienet marret tixtri minghand ix-xhud ghaliex ma kienx hemm min jaqdiha. Hi kien ikollha f'idejha Lm1 u anke anqas.

Paola kienet tmur il-knisja wahedha u din kienet xi zewg kantunieri boghod, dan sew meta kienet maghha u sew meta kienet ghand ommha. Rigward it-televizjoni, din kienet thobb tara affarijiet tat-tfal bhal *'Little House on the Prairie'*.

Ghal dak li jirrigwarda l-intervista mat-Tabib Galea, ix-xhud spjegat li dan ma kienx taha xi somom jew ezercizzju iehor.

**John Cassar**, prodott ukoll mill-konvenut, xehed li hu kien mizzewweg lil oht Grace Bugeja u kien ilu jaf lil Paola Bugeja ghal xi 38 sena. Gieli marret ghandu mal-konvenut u raqdet ghandu fil-villeggatura tas-sajf. Hu kien jittrattaha bhala bniedma normali u hi kienet tkompli man-nies b'mod normali. Fil-fatt kien hemm xi drabi meta minn ghandhom kienet harget wahedha gewwa Santa Maria Estate u sahansitra anke marret hdejn il-bahar, ghalkemm hu qatt ma kien raha tghum.

In kontro-ezami x-xhud qal li Paola kienet marret ghandu xi tliet darbiet gewwa l-Mellieha, filwaqt li hu ma setax

jiftakar kemm-il darba kienet marret ghandu d-dar. Hi kienet tkun ukoll prezenti meta martu u ohtha kienu qeghdin jitkellmu u kienet ukoll titkellem maghhom, b'dana li hu ma kienx isegwi l-konversazzjoni. Zied ighid ukoll li peress li kienet tkun mistiedna, hu qatt ma talabha tmur tixtri. Hu ma kienx jaf li Paola kienet tircievi xi assistenza socjali. Wara li mietet ommha, hi kienet marret tghix mal-konvenut.

**In-Nutar Antoine Agius** ikkonferma li hu kien ghamel it-testment ta' Paola Bugeja tat- 30 ta' April, 1983. In-Nutar xehed li lil Paola ma setax jiftakar min kienet sew, izda qal li din kienet qaltlu li riedet tinnomina lil huha Nazju bhala eredi taghha.

Hu qal li ma kellu l-ebda dubbju dwar l-istat mentali tat-testatrici u li din setghet taghmel testment. Fil-fatt hi kienet lucida waqt li kienet qed taghmel dak it-testment u rrispondiet ghad-domandi b'koerenza. Hu spjega wkoll li t-tabib kien deher bhala xhud peress li kienet procedura li wiehed jottjeni l-permess ta' tali persuna. It-tabib stess kien saqsiha xi domandi, izda dan bhala formalita`.

In kontro-ezami, in-Nutar stqarr li hu kien sar jaf lit-testatrici dakinhar stess li ghamlet it-testment. Dan wara li kien avvicinah huha ghall-ewwel darba u qallu li ohtu xtaqet taghmel testment. Lil Paola hu ma setax jiftakar jekk kellhiex nuccali jew jekk kinitx hoxna jew irqiqa. Imbaghad hu spjega li waqt it-testment kien baqa' biss hu prezenti. Ghalih ma kienx hemm dubbju li hi kienet f'sensiha, u ma kien hemm ebd allegazzjoni li ma kinitx.

Mistoqsi ghaliex it-tabib kien ghamel dawk id-domandi lil Paola li kienet mara ta' eta` pjuttost zghira, ix-xhud irrisponda li ma kienx jaf ghalfejn kienu saru dawk id-domandi. Mistoqsi wkoll jekk l-istess domandi kinux *eye opener* ghalih fis-sens li b'hekk hu seta' jevalwa l-istat mentali tat-testatrici, in-Nutar xehed li din kienet cara f'dak li riedet. Hu kien saqsiha x'riedet taghmel fit-testment u hi kienet semmiet lil huha biss.

**It-Tabib John Mifsud**, illum konsulent psikjatra, qal fl-affidavit tieghu li hu kien wiehed mix-xhieda fit-testment tal-mejta Paola Bugeja u dak iz-zmien kien wiehed mit-tobba tal-medicina fl-Isptar li kienu qed jikkurawha. Hu ddikjara li hu qatt ma kien *'xhud ta' xi testment u qatt ma ccertifikajt li xi persuna kellha l-kapacita` testamentarja meta kont naf li dik il-persuna ma kellhiex il-fakoltajiet mentali rikjest biex taghmel dak l-att'*.

In kontro-ezami xehed li meta hu kien xehed li hu kien fl-1983 wiehed mit-tobba kuranti ta' Paola Bugeja, hu kien ghadu kif jilhaq sena qabel fl-1982 meta beda jahdem l-Isptar fejn ghadu jahdem sallum. Hu pprezuma li Paola Bugeja ghalhekk kienet wahda mill-pazjenti li kien hemm l-Isptar dakinhar li gie ppubblikat it-testment. Ghalkemm memorja taghha ma kellux, hu ftakar li kien hemm xi hadd li saqsieh sabiex joqghod xhud fuq testment. B'hekk hu kien mar izda ma seta' jiftakar xejn izjed dwar x'gara dakinhar.

Ix-xhud spjega wkoll li dak iz-zmien hu la kien psikjatra u lanqas ma kien jahdem ta' psikjatra. Ma kienx jidhirlu li kien ghamel ezami psikjatriku ta' Paola Bugeja u lanqas kien jidhirlu li kien kapaci jaghmlu dak iz-zmien.

Mistoqsi jekk allura hu kienx ghamilha ta' xhud biss dakinhar, it-tabib qal li hekk kien jassumi, pero` peress li kien bil-gurament hu ma setax ighid dan b'certezza. Qal li dak iz-zmien u anke sahansitra llum hu ma kellux idea tal-funzjoni ta' xhud fuq testment. Hu spjega li f'dawn l-ahhar disa' snin bhala psikjatra, hu kien hareg bosta certifikati dwar il-kapacita` mentali ta' testaturi.

Fir-**relazzjoni** tieghu l-perit tekniku kkonkluda li t-testment li ghamlet Paola Bugeja fit-30 ta' April 1983 kien validu, u dan wara li ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"L-artiklu 597 tal-Kodici Civili jipprovdi illi m'humiex kapaci li jiddisponu b'testment:-

(a) dawk li, ghalkemm mhux interdetti, ma jkunux f'sensihom fiz-zmien tat-testment."

Meta wiehed f'dan il-kaz jipprova jimpunja t-testment, irid jipprova illi meta t-testatur ghamel it-testment ma kienx f'sensih. Il-piz tal-prova jaqa fuq min qed jallega – onus probendi incubit ei qui dicit non ei qui negat!'

Meta gew rinfaccjati b'kazijiet bhal dawn, il-Qrati taghna applikaw tliet principji bazici:-

(i) ir-ragonevolezza tal-kontenut tat-testment – jekk it-testment jaghmilx sens, huwiex logiku, jew le;
(ii) il-kuxjenza u l-volonta` tat-testatur; u
(iii) il-principju enuncjat mill-Qrati Inglizi fil-kawza "Banks vs Goodfellow (1870)".

Fir-rigward ta' l-ewwel principju, il-Qorti ta' l-Appell fil-kaz "Vassallo vs Sammut (Kollezzjoni ta' Decizjonijiet Vol. XXXIV;1;108) qalet illi "ir-ragonevolezza tad-dispozizzjonijiet kontenuti fit-testment hija l-kriterju li ghandu jwassal lill-gudikant biex jiddeciedi dwar l-insanita` mentali jew le tat-testatur". L-istess principju gie sottolinejat mill-Qorti ta' l-Appell fil-kaz "Formosa vs Axiak" (Kollezzjoni ta' Decizjonijiet Vol. XXX;I;176).

Il-Qrati taghna jimxu a bazi tal-principju illi jekk il-kontenut tat-testment huwa ragonevoli, allura huwa logiku illi wiehed jasal ghall-konkluzjoni illi t-testatur kien naturalment san meta ghamel it-testment.

Dan il-principju huwa izjed b'sahhtu meta t-testatur, fit-testment jaghti anki r-ragunijiet u jispjega l-motivazzjonijiet li jkunu wasluh biex proprju jaghmel dawn id-dispozizzjonijiet testamentarju ("Grech vs Dimech" – Kollezzjoni ta' Decizjonijiet Vol. XV;94).

Fil-kaz "Bonavia vs Bonavia" (Deciza 20 ta' Ottubru 1971), il-Qorti qalet illi "l-ahjar indizzju…..Huwa l-kontenut stess tat-testment li jista' bl-istranezza u bil-kontra-dittorjeta` tieghu jattesta ghall-istat t'infermita` mentali tat-testatur."

It-tieni element li l-Qrati taghna jharsu lejh, hu dak tal-kuxjenza u l-volonta` tat-testatur. Fil-kaz "Abela vs Gatt (Kollezzjoni ta' Decizjonijiet Vol. XVI;ii;92), il-Qorti ta' l-

Appell qalet kif gej – la spontaneita` dell'atto e la piena coscienza di cio` che si fa.

Persuna jista jaghmel, ghandu l-kapacita li jaghmel, testment, kemm il-darba huwa ghandu l-konoxxenza, jigifieri li jifhem l-azzjonijiet tal-persuni madwaru u l-effetti ta' l-azzjonijiet tieghu u kemm il-darba ghandu l-kapacita` li jifforma ntenzjoni.

Fil-kaz "Vassallo vs Sammut" (Vol. XXXIV;ii;188) il-Qorti ta' l-Appell applikat il-principju tal-konoxxenza u l-volonta` flimkien ma l-ezami tar-ragonevolezza tad-dispozizzjonijiet testamentarji sabiex tikkonsulta jekk testment kienx validu jew le (jigifieri jekk it-testatur, fiz-zmien li ghamel it-testment, kienx kapaci jew le).

Ghal dak li jirrigwarda t-tielet ezami, Lord Chief Justice Cockun fil-kaz "Banks vs Goodfellow" (1870) sostna illi biex wiehed ikollu l-kapacita` li jiddisponi minn gidu permezz ta' testment, huwa jrid ikollu l-kapacita` li jifhem bic-car x'inhuma l-effetti ta' dan it-testment, x'inhi, kemm tiswa, kemm hi kbira l-proprjeta` li jkun jiddisponi minnha, min huma l-persuni li jistghu jivvistaw xi pretensjonijiet fuq il-patrimonju tieghu u kif ukoll kemm huma b'sahhithom u validi minn dawn il-persuni. Dan l-ezami gie applikat mill-Qrati Maltin fil-kaz "Mifsud vs Giordana" (Vol XXXVI;ii;xox).

Issa wiehed jehtieg li jispjega wkoll illi l-ligi tirrikjedi biss li t-testatur ikun mohhu f'postu fiz-zmien li jkun ghamel it-testment.

Ghaldaqstant jekk huwa jkun ibati minn infermita` mentali, izda fiz-zmien li ghamel it-testment it-testatur ikun ghaddej minn perjodu lucidu, allura dak it-testment xorta jitqies bhala validu.

Ghall-kuntrarju, jekk it-testatur huwa normali, izda fiz-zmien tat-testment huwa jkun qed isofri minn infermita` temporanja, allura dan it-testment mhux validu.

Meta tapplika dawn il-principji ghal kaz in ezami l-esponenti jissottometti illi gie pruvat mill-atturi illi Paola Bugeja kellha dizabilita` fizika u illi kienet ghall-anqas slow-witted. Dan jirrizulta mill-fatt illi ma kienet taghmel kwazi xejn wahedha u kellha bzonn l-assistenza ghal hafna affarijiet f'hajjitha. Pero l-esponenti jissottometti li dan wahdu mhux bizzejjed biex jannulla t-testment li ghamlet it-testatrici.

Hu minnu illi Paola Bugeja kienet inghatat pensjoni mill-Gvern ghax giet misjuba "subnormal' u dan fuq rakkomandazzjoni tal-Bord presedut minn Dr. Abraham Galea li pero` meta xehed quddiem il-Qorti, ma setax jiftakar xejn dwar il-kaz specifiku. Id-definizzjoni ta' 'subnormal' kif rikjest ghal skopijiet ta' pensjoni u li gia` saret referenza ghaliha f'din il-perizja ma tantx ighin il-kaz ghax hu generiku u ma jeskludix il-lucidita` ta' mohh izda biss li l-izvilupp gie limitat.

Kif gia` gie spjegat min jallega irid jipprova l-allegazzjoni tieghu u l-provi attrici huma kollha generici u xejn specifiku biex jindikaw b'mod car illi t-testatrici kienet f'xi zmien, vicin it-testment, mentalment inkapaci li tkun taf x'inhi taghmel.

Mill-banda l-ohra, dak li messu sar b'certa serjeta` f'cirkostanzi simili u cioe` ezami psikjatriku tat-testatrici, ma jidhirx li sar qabel it-testment. Ix-xhud Dr.John Mifsud li fuqu dehret li riedet tistrieh id-difiza wera li ma kien kompetenti xejn in materja u illi hu ghamilha biss ta' xhud f'dan it-testment.

Ghal kuntrarju in-Nutar li rrediga l-att, Dr. Antoine Agius, kien car fix-xhieda tieghu u qal li t-testatrici kienet taf xi trid u rrispondiet b'koerenza ghad-domandi li sarulha, ghalkemm ammetta li ma kienx jafha qabel ma mar jaghmel it-testment.

L-esponenti jissottometti illi xhud li inghata hafna importanza minnu hu it-tabib kuranti tal-familja Bugeja, Dr. Raymond Sciberras. Dan xehed b'mod pjuttost car illi kien ilu jaf u jikkura lil Paola Bugeja ghal xi ghaxar snin

qabel mietet. Hi kienet fizikament inkapacitata imma kien jikkomunika maghha bhala persuna normali u meta kien jistaqsiha xi haga kienet tirrispondieh. Hu qal li ghalkemm ma setax jixhed dwar il-kapacita` mentali taghha ghax qatt ma gie mitlub jaghmel assessment pero` mill-aspett taghha kienet tidher normali pero` mhux mija fil-mija.

Din ix-xiehda titfa aktar piz fuq il-prova li jridu jressqu l-atturi biex jannullaw it-testment ghalkemm jidher li Paola Bugeja ma kienitx ghal kollox normali pero` ma' jidhirx li kienet inkapaci talment li ma kinitx f'sensiha biex taghmel testment. Ovvjament dan jirrigwarda l-istat mentali in generali tat-testatrici.

Ghalkemm ma hemmx prova dwar l-istat mentali fil-hin tat-testment pero` in-Nutar Agius ma nnota xejn anormali fil-komportament taghha u kienet taf xi trid, tant li hi qaltlu kif riedet tisddisponi minn gidha b'mod car. Dan juri li t-testatrici kienet koxjenti ta' dak li riedet u kienet qed taghmel u fehmet il-konsegwenzi tal-azzjonijiet taghha bil-volonta` li esprimiet man-Nutar. Il-fatt li Paola Bugeja riedet thalli gidha lil huha l-konvenut, hu ragonevoli, fis-sens li halliet gidha lil membru tal-familja u inoltre kien ilu jiehu hsiebha in-interrottament ghal perjodu ta' xi sentejn u nofs. Il-kontenut tat-testment xejn ma hu stramb jew irragonevoli."

L-atturi pprezentaw **nota ta' kritika** ghar-rapport peritali bl-iskop li jxejnu l-konkluzjoni tal-perit legali fir-rigward tat-testment maghmul minn Paola Bugeja. Huma accennew ghal dawk il-partijiet tad-diversi deposizzjonijiet li kienu jikkoncernaw il-kapacita` mentali ta' ohthom mejta Paola Bugeja u esprimew is-sorpriza taghhom li minkejja dak li ntqal, il-perit legali wasal ghall-konkluzjoni li mara bl-inkapacitajiet deskritti kienet kapaci taf xi trid li jsir minn hwejjigha wara mewtha. Huma ghamlu referenza wkoll ghad-Dokument M ipprezentat mix-xhud Joseph Muscat bhala *administrative officer* fid-DSS fejn kien jirrizulta li Paola kienet *'persuna li hija bi svilupp mentali wieqaf jew mhux komplut'*. B'hekk it-testment taghha kien frott ta' l-esplojtazzjoni taghha.

B’referenza ghall-artikolu 597(d) tal-Kodici Civili, l-atturi sostnew li la mohh Paola Bugeja kien ta’ tifla zghira, allura hi kellha taqa’ taht il-kategorija ta’ tfal li ma setghux jaghmlu testment validu. Inoltre c-certifikat Dok. M kien ighid li hi kienet tbati minn subnormalita` mentali severa. B’hekk Paola Bugeja setghet tigi nfluwenzata facilment minn dawk ta’ madwarha.

L-atturi wkoll irrilevaw li kien jispetta lin-Nutar li jannetti certifikat mediku mat-testment ta’ Paola Bugeja qabel il-pubblikazzjoni tieghu.

Fin-**nota ta' osservazzjonijiet** tieghu l-konvenut issottometta li galadarba l-presunzjoni kienet li t-testatrici kienet kapaci taghmel testment, allura l-oneru tal-prova kien fuq min kien qed jallega l-kontra. Ghalhekk kienu l-atturi li kellhom l-obbligu li jgibu prova sabiex jistabbilixxu li t-testatrici kienet affettata minn marda mentali tant serja li hi kienet impeduta milli tifhem il-konsegwenzi ta’ dak li kienet qeghda taghmel. B’dana li l-grad ta’ kapacita` mentali kien anqas minn dak rikjest f’kuntratt bilaterali. Huwa rrefera ghat-test adottat minn dawn il-Qrati tar-ragonevolezza tad-disposizzjonijiet testamentarji sabiex wiehed jara jekk testatur kellux jew le l-kuxjenza u l-volonta` biex jaghmel testment. Indika li fil-kaz in ezami, l-atturi stess jammettu li d-disposizzjonijiet fit-testment ta' Paola Bugeja huma ragonevoli. Ighid li Paola Bugeja kienet xebba "with special needs" izda b'daqshekk ma jfissirx li ma kinitx taf x'inhi taghmel. Jelenka diversi asserzjonijiet li ghamlu l-atturi u li skond hu mhumiex fondati. Jirreferi wkoll ghax-xiehda tan-Nutar li rrediga t-testment u ghal dik tat-tabib kuranti taghha u jikkonkludi li t-testatrici mhux biss kienet taf x'inhi taghmel izda wkoll riedet taghmel dak li ghamlet.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha li tressqu, ir-relazzjoni peritali u n-noti tal-partijiet u waslet ghall-konkluzjoni li l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw dak li allegaw fic-citazzjoni, u cioe` li Paola Bugeja kienet inkapaci li taghmel testment. Tajjeb hawn li ssir referenza ghal dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Vassallo et vs Avv. Dr. Victor R. Sammut et**

**noe** deciza fl-24 ta' April 1950 (Vol. XXXIV.i.108) citata sew mill-perit legali kif ukoll mill-konvenut:

Illi, kif gie stabbilit minn din il-Qorti fit-22 ta' Gunju 1938 fil-kawza 'Giuseppe Formosa et vs Giuseppe Axiak et', li kkonfermat b'adozzjoni tal-motivi s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-Maesta' tar-Re fit-18 ta' Frar 1938, il-principji li ghandhom jircievu applikazzjoni f'kazi, bhal dak in ezami, ta' impunjazzjoni ta' testmenti mhabba l-insanita` mentali tat-testatur, huma dawk hawn taht migjuba:-

1. Li l-kapacita` li wiehed jaghmel testment hija r-regola, u l-inkapacita` hija l-eccezzjoni. Ghalhekk il-prezunzjoni 'juris tantum' hija illi min jaghmel testment huwa kapaci biex jiddisponi mill-beni tieghu, salva l-prova kuntrarja, li trid issir minn min jagixxi ghall-impunjazzjoni tat-testment;
2. Li regola ohra fondamentali hija dik stabbilita mill-paragrafu (d) ta' l-art. 634 tal-Kodici Civili [**illum l-art. 597(d)**], li huma nkapaci li jiddisponu b'testment dawk li fi zmien it-testment ma jkunux f'sensihom ('of sound mind'). Konsegwenza ta' din ir-regola hija li min jimpunja testment irid jipprova li fil-mument li sar min ghamlu ma kienx kpaci;
3. Li biex wiehed jista' jagmel testment ma hemmx bzonn 'una mente perfettamente e rigorosamente sana, ma basta quel limitato uso della ragione che permette la coscienza di cioe` che si fa; e per valutare i diversi gradi di debolezza di mente dei testatori si deve avere riguardo alla ragionevolezza o meno delle disposizioni testamentarie' ….
4. Li biex tigi stabbilita l-insanita` mentali tat-testatur hemm bzonn li jirrizultaw indizi gravi; u kif qalet din il-Qorti fis-17 ta' Gunju 1921 in re 'Imbroll vs Mugliett' (Kollez. Vol. XXIV - i - 793) m'humiex bizzejjed 'semplici congetture e possibilita` ….'
5. Li l-Qrati Taghna dejjem kienu renitenti li jammettu d-domandi biex jigi annullat testment minhabb al-insanita` mentali tat-testatur, jekk din l-inkapacita` ma tkunx irrizultat b'mod cert minn fatti precizi u univoci, u ma jkunx gie pruvat li kienet tezisti fil-mument li t-testatur kien qieghed jaghmel it-testment …."

Fil-kaz in ezami l-atturi elenkaw diversi aspetti li skond huma juru li Paola Bugeja ma kinitx kapaci tiehu hsieb taghha nnifisha, kif ukoll enfasizzaw il-fatt li hija kienet qed tippercepixxi pensjoni mhux kontributorja minhabba li kienet tissodisfa d-definizzjoni tal-ligi ta' "subnormalita` mentali severa". Pero` hemm bosta fatturi li jimmilitaw kontra l-aspettattiva ta' l-atturi li tinsilet il-konkluzjoni ahharija li t-testment ta' Paola Bugeja ghandu jitqies null u bla ebda effett.

It-testment innifsu, kif ammess mill-atturi stess, jikkontjeni disposizzjonijiet normali u regonevoli. Difatti huwa naturali li l-affezzjoni li kellha Paola Bugeja lejn huha l-konvenut kien bil-bosta superjuri ghal dik li seta' kellha lejn l-ahwa l-ohra galadarba kien il-konvenut u l-familja tieghu li baqghu jiehdu hsiebha sakemm mietet.

Il-fatt wahdu li kienet tippercepixxi pensjoni minhabba dizabilita` mentali wara li giet ezaminata minn bord mediku ma jfissirx necessarjament li kienet "inkapaci" li taghmel testment, aktar u aktar jekk l-andament kien kif xehdet Grace Bugeja; ma jeskludix li seta' jkollha "quel limitato uso della ragione che permette la coscienza di cio` che si fa". Wara kollox, kif tajjeb osserva l-konvenut fin-nota tieghu, Paola Bugeja xorta zammet id-dritt tal-vot.

Hemm imbaghad ix-xiehda tat-tabib Raymond Sciberras, li ma tistax ma tinghatax importanza kbira billi kien ilu ghal xi ghaxar snin it-tabib kuranti tal-familja Bugeja, inkluza Paola Bugeja. U ghalkemm, kif xehed hu stess, qatt ma ntalab jaghmel xi *assessment* dwar il-kapacita` mentali taghha, huwa kien jikkomunika maghha b'mod normali: meta kien ikellimha, hija kienet tirrispondi tajjeb u jekk jitlobha xi haga hija kienet iggibhielu. F'dar-rigward tista' ssir referenza ghall-kawza **Danastas vs Danastas** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Vol. XXVI.i.498) citata fis-sentenza fuq msemmija **Vassallo et vs Sammut et noe** fejn qalet li f'kjazi bhal dan il-gudizzju tat-tabib kuranti ghandu jkollu piz kbir, "essendo fondato sull'esame personale e diretto del paziente, il quale esame, sebbene non sempre inteso a sondare la capacita` mentale del soggetto, viene fatto

da persone a cui non puo` sfuggire qualunque sintomo di debolezza mentale".

Lanqas ma tista' tigi skartata x-xiehda tan-Nutar Antoine Agius li xehed li t-testatrici kienet taf xi trid meta ghamlet it-testment, u cioe` li tinnomina lil huha Nazju (il-konvenut) bhala eredi. Huwa ma kellux dubju li kienet f'sensieha u ma kien hemm l-ebda allegazzjoni li ma kinitx. Barra minn hekk waqt it-testment baqa' hu biss maghha. Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Giuseppe Formosa et vs Giuseppa Axiak et** deciza fl-20 ta' Gunju 1938 (Vol. XXX.i.176), il-Qorti ta' l-Appell qalet hekk: "Il-Qorti ta' l-Appell bis-sentenza fuq citata tat-28 ta' Mejju, 1926 (Kollex. Vol. XXVI parti I pag. 498) qalet "che sebbene sia vero quanto venne ritenuto dalla Prim'Aula della Corte Civile di Sua Maesta` il di 13 gennaio 1899 (Collez. XVII.ii.2), non costituire l-asserto del notaro che il disponente era sano di mente, da se`, la prova della capacita` mentale del testatore, tuttavia le constatazioni del notaro ottenute all'oggetto di accertarsi della capacita` a testare del disponente forniscono un importante elemento di prova che, unito ad altri, puo` condurre ad un esatto giudizio sul problema da risolvere".

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-atturi ma ppruvawx bizzejjed biex igibu f'min ghandu jiggudika l-konvinciment li t-testatrici, ma kinitx mentalment kapaci li taghmel it-testment taghha fuq imsemmi tat-30 ta' April 1983.

Ghaldaqstant is-seba' talba attrici hija michuda u konsegwentement l-assi tal-genituri tal-kontendenti, cioe` l-assi ta' Carmelo Bugeja u ta' Michaelina Bugeja ghandhom jigu divizi f'seba' porzjonijiet ugwali sabiex jigu assenjati kwantu ghal porzjon wiehed minn kull eredita` lil kull wiehed mill-atturi ahwa Bugeja u kwantu ghal zewg porzjonijiet minn kull eredita` lill-konvenut (porzjon bhala eredi tal-genituri tieghu u porzjon bhala eredi ta' ohtu Paola Bugeja).

Sabiex tkun tista' ssir il-likwidazzjoni tal-assi ta' Carmelo Bugeja u ta' Michaelina Bugeja, u sabiex issir il-

valutazzjoni u pjan ta' qasma relattiv, il-Qorti se tinnomina perit arkitett.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi:

(1) Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut,
(2) Tichad is-seba' talba tal-atturi,
(3) Tinnomina, ghall-fini tal-likwidazzjoni, valutazzjoni u divizjoni ta' l-assi ta' Carmelo Bugeja u ta' Michaelina Bugeja skond il-kwoti fuq imsemmija, lill-A.I.C. Joe Ellul Vincenti bil-fakoltajiet soliti.
(4) Tirrizerva li tipprovdi ulterjorment dwar it-talbiet l-ohra fi stadju ulterjuri.
Bl-ispejjez rizervati ghad-decizjoni finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------